MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-5 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1876/2018 LM

**Avukat Stephen Muscat (420772 M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Seaboard Overseas Limited**

***vs.***

**REMA Maritime Limited (C 44475) u l-Avukat Kris Borg bħala kuratur *'ad litem'* ta' Nero Shipmanagement Limited għal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti Dr Stephen Muscat (ID numru 420772M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera **Seaboard Overseas Limited** li ġie ppreżentat fid-19 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimata Rema Maritime Limited milli:*

1. *Tbiegħ jew tittrasferixxi, taħt kwalunkwe titolu, il-bastiment tagħha 'Aktea R' (IMO number 9554171), Call Sign 9HA2309, GT 17018), jew kull proprjetà oħra;*

2. *Tbiegħ jew tittrasferixxi, taħt kwalunkwe titolu, xi ishma fil-bastiment tagħha 'Aktea R' (IMO number 9554171, Call Sign 9HA2309, GT17018), jew fuq kull bastiment ieħor;*

3. *Tbiegħ jew tittrasferixxi xi ishma, taħt kwalunkwe titolu, fis-soċjetà, sid il-bastiment, Rema Maritime Limited jew kull soċjetà oħra;*

4. *Tirreġistra kwalunkwe mortgage oħra fuq il-bastiment 'Aktea R' (IMO number 9554171, Call Sign 9HA2309, GT 17018) jew kull bastiment ieħor; u dana għar-raġunijiet segwenti:*

    1. *Illi nhar is-6 ta' Lulju, 2015, is-soċjetà esponenti talbet u ottjeniet il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1087/15 fl-ismijiet Avukat Stephen Muscat (420772M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Seaboard Overseas Limited vs Imħallef Emeritus Dr. P Sciberras bħala kuratur ad litem ta' Nero Shipmanagement Limited naxxenti minn titolu eżekuttiv f'forma ta' award arbitrali li għandha s-soċjetà esponenti fil-konfront ta' Nero Shipmanagement Limited wara proċeduri arbitrali f'Londra, liema award sussegwentement ġiet ippreżentata fiċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġi u s-soċjetà esponenti ottjeniet ordni ta' reġistrazzjoni mill-istess Ċentru nhar il-15 ta' Ġunju, 2015;*

    2. *Illi bl-istess mandat ġiet notifikata s-soċjetà intimata bħala sekwestratarja u dana bl-iskop li jżomm lill-imsemmija soċjetà milli tgħaddi f'idejn is-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, bħala debitur tas-soċjetà esponenti, flus jew ħwejjeġ mobbli appartenenti lill-istess Nero Shipmanagement Limited u tiddepożitahom favur is-soċjetà esponenti, u dana a tenur tal-artikolu 375 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

    3. *Illi wara li s-soċjetà intimata ġiet notifikata bl-istess mandat ta' sekwestru, hija ppreżentat nota fir-Reġistru li fiha kienet qiegħda tiddikjara "illi*

*m'għandhiex ħwejjeġ jew flus tas-soċjetà sekwestru", liema nota tinsab fl-atti tal-istess mandat;*

4. *Illi s-soċjetà esponenti kienet a konoxxenza tal-fatt illi Nero Shipmanagement Limited kienet intavolat proċeduri ta' arbitraġġ ġewwa Londra fil-konfront tas-soċjetà intimata, li d-dettalji dwarhom is-soċjetà esponenti ma kinitx taf u ma setgħetx tkun taf stante n-natura kunfidenzjali tagħhom u għalhekk permezz tal-avukat tagħha ġewwa Londra kienet kitbet lill-P&I Club f'Londra li tagħha s-soċjetà intimata hija membru, biex tistaqsi dwar l-istess arbitraġġ. Fil-fatt is-soċjetà intimata kienet retiċenti li tagħti xi tip ta' informazzjoni;*

5. *Illi jirriżulta li s-soċjetà intimata ilha għal numru ta' snin tipprova tinforza l-award li hija għandha fil-konfront ta' Nero Shipmanagement Limited, u huwa kjarament fl-interess tal-ġustizzja u ordni pubbliku li s-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd u/jew is-soċjetà intimata ma jitħallewx jevadu l-infurzar ta' tali award li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha fil-liġi Maltija;*

6. *Illi s-soċjetà esponenti, bl-iskop li tissalvagwardja l-interessi tagħha, munita kif inhi b'titolu eżekuttiv li bħala att eżekuttiv maħruġ abbażi tal-istess titolu, jikkostitwixxi ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti, fil-każ ta' dak it-titolu fil-konfront tas-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd u fil-kas tal-mandat eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà Rema Maritime Limited speċifikatament biex jingħata effett lill-istess mandat bħala kwistjoni ta' ordni pubbliku li trid titħares inkondizzjonalment, nhar id-19 ta' Ottubru, 2015, ippreżentat rikors fl-atti tal-istess mandat, li bih talbet lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-soċjetà intimata bħala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi sabiex tagħti dik l-informazzjoni kollha rilevanti għall-istess mandat, senjatament li tirrispondi bis-sħiħ id-domandi magħmula mill-konsulent legali tas-soċjetà esponenti u annessi mal-imsemmi rikors;*

7. *Illi in segwitu r-rikors tad-19 ta' Ottubru, 2015, imsemmi hawn fuq u wara li dina l-Onorabbli Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lis-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd u lis-soċjetà intimata għar-risposta, li l-imsemmija soċjetajiet debitament ippreżentaw, dina l-Onorabbli Qorti wara li ġentilment semgħet lill-partijiet, permezz ta' digriet tat-12 ta' Jannar, 2016, iddisponiet mit-talbiet u mill-eċċezzjonijiet 'billi tordna lil Rema Maritime Limited sabiex*

*tiddepożita kopja legali tal-lodo arbitrali finali fl-atti ta' dan il-Mandat fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa mid-data li jingħata taħt sanzjoni ta' disprezz u dana salv u effettiv l-obbligu li l-istess soċjetà tiddepożita s-somom li talvolta tiġi kundannata tħallas lid-debitur sekwestrat skont il-Liġi entro l-limiti tas-somma kawtelata bil-mandat premess.";*

8. *Illi in segwitu d-digriet imsemmi fis-suespost, is-soċjetà intimata permezz ta' ċedola ta' depożitu datata 21 ta' Jannar, 2016, fl-atti tal-istess mandat, filwaqt li għamlet referenza għal żewġ 'Awards' wieħed tat-13 ta' Awwissu, 2015 u ieħor tal-21 ta' Diċembru, 2015, li bihom l-istess soċjetà intimata kienet ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd is-somma ta' USD 459,896.99, permezz tal-imsemmija ċedola, iddepożitat (favur is-soċjetà esponenti) is-somma ta' USD 28,674.41, għar-raġunijiet imsemmija fl-istess ċedola;*

9. *Illi r-raġuni li ssemmi s-soċjetà intimata għala ddepożitat is-somma ta' USD28,674.41 biss, minkejja li kienet ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd is-somma ta' USD 459,896.99 kienet li kien ġie ffirmat escrow agreement datat 7 ta' Ottubru, 2001 bejn dawn l-istess soċjetajiet li abbażi tiegħu sar bank transfer mill-escrow agent skont l-istess escrow agreement lin-'Norwegian Hull Club', il-'Hull Club' tas-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd, fl-ammont ta' USD 431,222.58;*

10. *Illi fl-umli fehma tas-soċjetà esponenti, bl-aġir tagħha, is-soċjetà intimata illegalment u abbużivament eludiet l-obbligu tagħha bħala sekwestratarja, naxxenti mill-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dana għar-raġunijiet segwenti:*

    (1) *Dak il-mandat ta' sekwestru odjern kien ġie intavolat (u akkordat) nhar is-6 ta' Lulju, 2015, u debitament notifikat lis-soċjetà intimata nhar l-10 ta' Lulju, 2015 u għalhekk qabel l-'Award' tat-13 ta' Awwissu, 2015;*

    (2) *Illi fil-mument li s-soċjetà intimata ġiet ikkundannata permezz tal-'Final Arbitration Award' tat-13 ta' Awwissu li tħallas lis-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, u dana wara li kienet ġiet debitament notifikata bil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, hija kellha, indipendentement mill-obbligi assunti minnha permezz tal-escrow agreement, tiddepożita dik is-*

*somma favur is-soċjetà esponenti, li l-istess soċjetà intimata kienet ġiet ikkundannata tħallas permezz tal-istess 'Final Arbitration Award' sal-limitu tal-ammont kawtelat permezz tal-Mandat odjern, kif ingħad;*

(3) *Illi minflok, is-soċjetà intimata (wara li ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà Nero Shipmanagement Limited) għażlet li tinjora l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti;*

(4) *Illi fil-fatt it-talba da parti tal-avukati tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited lill-escrow agent abbażi tal-escrow agreement saret ferm wara l-istess mandat ta' sekwestru, sewwasew fit-30 ta' Diċembru, 2015;*

(5) *Illi l-konsiderazzjonijiet suesposti huma wkoll ikkonfermati mid-diċitura tad-digriet tat-12 ta' Jannar, 2016 ta' dina l-Onorabbli Qorti għaliex bl-istess digriet is-soċjetà intimata kienet obbligata li 'tiddepożita s-somom li talvolta tiġi kkundannata tħallas lid-debitur sekwestrat", u dana lil hinn minn kull obbligu li l-istess soċjetà intimata assumiet permezz tal-escrow agreement;*

11. *Illi għar-raġunijiet kollha suesposti, is-soċjetà esponenti nhar id-29 ta' April, 2016 intavolat rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti li bih, wara li semmiet il-fatti kollha rilevanti u għamlet il-konsiderazzjonijiet suesposti, b'referenza għall-artikolu 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) talbet bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tordna lis-soċjetà intimata bħala sekwestratarju fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1087/15 sabiex tordna lill-istess soċjetà intimata tiddepożita d-differenza bejn is-somma kawtelata bil-Mandat ta' Sekwestru odjern u s-somma depożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar, 2016, salv id-danni u l-imgħax a tenur tal-artikolu 378 tal-Kap. 12, ċitat hawn fuq. Bl-ispejjeż.*

12. *Illi dina l-Onorabbli Qorti wara li appuntat ir-rikors għas-smigħ, semgħet il-provi, ħatret espert, akkordat żmien lill-partijiet sabiex rispettivament jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub (li saru debitament) u semgħet it-trattazzjoni, permezz ta' digriet finali tat-30 ta' Ottubru, 2018 (kopja tiegħu hawn annessa u mmarkata Dok. SM1), filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, laqgħet dawk tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited u laqgħet ukoll it-talbiet tas-soċjetà esponenti,*

*ordnat lis-soċjetà intimata bħala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sabiex tiddepożita s-somma ta' mija u sebgħa u tmenin elf, tliet mija u disgħa u disgħin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€187,399.55), favur is-soċjetà esponenti, rappreżentanti d-differenza bejn is-somma tal-istess mandat u s-somma depożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar, 2016, flimkien mal-imgħax dekorribbli mit-13 ta' Awwissu, 2015, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha;*

13. *Illi safejn taf is-soċjetà esponenti, l-uniku assi tas-soċjetà intimata (li hija 'shipping company') (kopja tal-Memorandum and Articles of Association hawn anness u mmarkat Dok. SM2) huwa l-bastiment 'Aktea R' (IMO number 9554171, Call Sign 9HA2309, GT 17018). Illi fil-fatt, sal-lum, is-soċjetà intimata għadha qatt ma ppreżentat l-audited accounts fir-Reġistru tal-Kumpanniji (ara Dok. 'SM3', hawn anness);*

14. *Illi jekk is-soċjetà tbiegħ dan l-uniku assi tagħha, jew tagħmel dak li s-soċjetà esponenti qiegħda umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tinibixxi permezz ta' dan il-mandat, jiġi eluż għal kollox il-kreditu li s-soċjetà esponenti ma tkunx tista' tesegwixxi t-titolu eżekuttiv li hija tgawdi, u dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors;*

15. *Illi ai termini tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, fl-umli fehma tas-soċjetà esponenti jirrikorru l-elementi kollha sabiex jinħareġ dan il-mandat u ċioe li l-istess mandat huwa neċessarju sabiex jippreserva d-drittijiet tas-soċjetà esponenti u li jekk dan il-mandat ma jinħariġx ma jkun hemm l-ebda rimedju għall-preġudizzju li jinħoloq.*

16. *Illi fl-umli fehma tas-soċjetà esponenti, hemm lok ukoll sabiex ai termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 875 tal-Kap. 12, il-mandat jintlaqa' provviżorjament.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata **Rema Maritime Limited** (C 44475), (minn issa "is-soċjetà intimata") ippreżentata fit-22 ta' Novembru, 2018, li tgħid kif ġej:

1. *Illi fid-19 ta' Ottubru* (sic), *2018 hija ġiet notifikata bir-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi ppreżentat dak in-nhar stess mis-soċjetà rikorrenti, kif ukoll bid-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti li permezz tiegħu t-talba rikorrenti ġiet milqugħa provviżorjament u l-Avviż għas-smigħ tar-Rikors odjern għas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2018 fit-0830;*

2. *Illi permezz tal-imsemmi Digriet, l-intimati ingħataw il-fakoltà li jippreżentaw Risposta sat-23 ta' Novembru, 2018 f'nofsinhar;*

3. *Illi l-esponenti soċjetà Rema Maritime Limited, li hija wkoll il-proprjetarja tal-bastiment merkantili Aktea R reġistrat f'isimha fir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta sa mit-3 ta' Settembru, 2010 (Dokument "REMA-1"), tixtieq tipprevalixxi ruħha minn dina l-fakultà u permezz tal-preżenti qiegħda tippreżenta r-Risposta tagħha għall-kunsiderazzjoni għaqlija ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi l-ewwelnett, u qabel xejn, għandu jingħad u illi s-soċjetà esponenti mhijiex id-debitriċi tas-soċjetà rikorrenti skont il-Liġi. L-unika debitriċi tas-soċjetà rikorrenti, ai termini tad-deċiżjoni arbitrali ta' Londra rreġistrata fiċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fil-15 ta' Ġunju, 2015 u riferita fir-rikors promutur, hija fil-fatt is-soċjetà Nero Shipmanagement Limited;*

5. *Id-Digriet mogħti minn dina l-istess Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) fit-30 ta' Ottubru, 2018, fir-rigward tar-Rikors tad-29 ta' April, 2016 ippreżentat ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) mill-Avukat Stephen Muscat*

*(420772M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Seaboard Overseas Limited fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 1087/2015 fl-ismijiet "Avukat Stephen Muscat (420772) bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Seaboard Overseas Limited – vs – Imħallef Emeritus Dr. Philip Sciberras bħala kuratur ad litem ta' Nero Shipmanagement Limited, u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2016 ġiet revokata n-nomina tal-Imħallef Emeritus Dr. Philip Sciberras u ġie nominat bħala sostitut Dr. Kris Borg", ma għandux l-effett legali li jikkanonizza lis-soċjetà rikorrenti bħala kreditriċi tas-soċjetà esponenti; u dana irrispettivament mill-fatt illi fil-5 ta' Novembru 2018 ġie intavolat appell minn dak l-istess Digriet quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell da parti tal-istess soċjetà esponenti (Dok. "REMA-2",), liema appell għadu pendenti, u għaldaqstant lanqas ma hemm ir-res judicata;*

6. *Difatti, permezz tal-imsemmi Digriet tat-30 ta' Ottubru, 2018, dina l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta), ordnat lis-soċjetà esponenti bħala sekwestratarja fil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 1087/2015 rappreżentanti d-differenza bejn is-somma tal-Mandat ta' Sekwestru fuq premess u s-somma depożitata biċ-Ċedola ta' Depożitu tal-21 ta' Jannar 2016 flimkien mal-imgħax dekorribbli mit-13 ta' Awwissu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv;*

7. *Il-konsegwenza ta' ksur da parti ta' sekwestratarju fir-rigward ta' ordni mogħtija mill-Qorti permezz ta' Mandat ta' Sekwestru lilu debitament notifikat, u ċioe f'każ illi s-sekwestratarju ma jżommx għandu bħala sekwestrati ħwejjeġ jew flus tas-sekwestrat (li jistgħu jkunu jinsabu għand is-sekwestratarju), kwantità jew somma biżżejjed sabiex biha titħallas it-talba tas-sekwestrant imsemmija fi-Mandat flimkien mal-ispejjeż tal-istess Mandat u/jew ma jiddepożitax mar-Reġistratur tal-Qorti tali ħwejjeġ jew flus fi żmien 19-il jum min-notifika tal-Mandat – hija fis-sens illi l-istess sekwestratarju jkun soġġett għall-piena tad-danni u l-imgħaxijiet – u dana ai termini tal-Artikolu 376(2)(d) kif ukoll tal-imsemmi Artikolu 378 sussegwenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u l-Qorti tista' wkoll toħroġ dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa, inkluż l-arrest personali tal-persuna għal perijodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur, dejjem bil-għan li ġġiegħlu jiddepożita dawk il-beni;*

8. *Għalhekk is-soċjetà rikorrenti hija għal kollox skorretta meta fl-imsemmi Rikors promutur tagħha tistqarr illi "… jiġi eluż għal kollox il-kreditu li s-soċjetà*

*esponenti illum għandha fil-konfront tas-soċjetà intimata u l-istess soċjetà esponenti ma tkunx tista' tesegwixxi titolu eżekuttiv li hija tgawdi …" f'każ illi dina l-Onorabbli Qorti ma kellhiex tinibixxi lis-soċjetà esponenti milli twettaq dawk l-atti indikati mis-soċjetà rikorrenti fl-istess Rikors promutur tagħha (ara l-paragrafu 14 tar-Rikors promutur);*

9. *Is-soċjetà rikorrenti ma għandha l-ebda titolu eżekuttiv validu skont il-liġi fir-rigward tas-soċjetà esponenti;*

10. *Dan il-fatt għandu jiġi enfasizzat il-għaliex minkejja l-ovvju, hija s-soċjetà esponenti, bħala l-proprjetarja tal-fuq imsemmi bastiment merkantili, illi qiegħda manifestement issofri l-konsegwenzi kollha tal-inadempjenza assoluta da parti tal-vera u unika soċjetà debitriċi u ċioe s-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd milli tissalda d-debitu kanonizzat tagħha versu s-soċjetà rikorrenti, u ironikament l-istess soċjetà debitriċi qiegħda tiġi indikata biss f'dawn il-proċeduri "għal kull interess li jista' jkollha" – donnu tanto per!;*

11. *Illi l-attentat da parti tas-soċjetà rikorrenti sabiex titlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-soċjetà esponenti huwa għal kollox frivolu u vessatorju. Dan il-għaliex, għar-raġunijiet illi diġà ngħataw aktar il-fuq f'dina r-Risposta, l-uniku dritt illi s-soċjetà rikorrenti jista' se mai ikollha fil-konfront tas-soċjetà esponenti huwa fis-sens tal-Artikolu 378 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq riferit naxxenti mir-responsabilità eventwali tas-soċjetà esponenti bħala sekwestratarja għad-danni u l-imgħax a favur tagħha jekk kemm-il darba l-istess soċjetà esponenti bħala sekwestratarja, għalkemm fil-pussess ta' flus jew ħwejjeġ oħra ta' proprjetà tas-soċjetà debitriċi Nero Shipmanagement Limited, jew dovuti lill-istess soċjetà debitriċi, li setgħu ġew issekwestrati bil-Mandat, ma tagħmilx id-depożitu msemmi fl-Artikolu 376 fi żmien il-perijodu hemm stipulat;*

12. *Illi minkejja d-Digriet illi ingħata minn din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) fit-30 ta' Ottubru, 2018 il-mertu kollu dwar jekk is-soċjetà esponenti kellhiex f'idejha flus jew ħwejjeġ oħra ta' proprjetà tas-soċjetà debitriċi Nero Shipmanagement Limited, (allegazzjoni li s-soċjetà esponenti tiċħad kategorikament, għar-raġunijiet kollha illi ingħataw fl-appell minnha stess introdott), għadu mhux definittivament determinat, u dana stante 'l fuq*

*riferit appell lill-istess soċjetà esponenti intavolat minn tali Digriet quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell;*

13. *Illi għalhekk ukoll, anke jekk b'xi mod it-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kellha tiġi milqugħa definittivament minn dina l-Onorabbli Qorti, stante l-fatt illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa min-natura tiegħu stess klassifikat bħala att kawtelatorju, kwalsiasi azzjoni fil-mertu illi tista' tipprova tavvanza s-soċjetà rikorrenti in kawtela tad-dritt tagħha jkun għal kollox intempestiv (stante li għadu ma ġiex definittivament determinat jekk is-soċjetà intimata kellhiex flus jew ħwejjeġ oħra f'idejha proprjetà tas-soċjetà debitriċi Nero Shipmanagement Ltd., wisq anqas jekk is-soċjetà esponenti naqsitx o meno milli tiddepożita mar-Reġistratur skont il-liġi – liema nuqqas biss jagħti lok għall-fuq imsemmi dritt tas-soċjetà rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà esponenti), u għaldaqstant il-Mandat ta' Inibizzjoni ma jkun jista' qatt jiġi sostnut skont kif tirrikjedi l-liġi;*

14. *Dana kollu apparti l-fatt illi tul dan il-perijodu kollu ta' diversi snin, is-soċjetà esponenti qatt ma għamlet xejn sabiex tiżvesti ruħha mill-proprjetà tagħha fil-forma tal-bastiment merkantili Aktea R fuq imsemmi u s-soċjetà rikorrenti għandha xi ħsieb illi twettaq xi att li permezz tiegħu tbiddel din is-sitwazzjoni u għalhekk ma teżisti l-ebda sitwazzjoni ta' biżgħa illi xi drittijiet leġittimi jistgħu jiġu elużi;*

15. *Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq espost, għandu jingħad ukoll illi s-soċjetà esponenti ma hijiex l-azzjonista tagħha nnifisha u għalhekk f'kull każ it-tielet talba tas-soċjetà rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa almenu in kwantu jirrigwarda l-ishma fis-soċjetà esponenti;*

16. *Illi għal darb'oħra mingħajr preġudizzju għall-fuq espost, it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif magħmula, in kwantu taffettwa l-bastiment merkantili Aktea R fuq riferit, hija bil-wisq eċċessiva meqjus l-ammont in kwistjoni; u huwa bil-bosta evidenti illi l-istess Mandat qiegħed jintalab biss bil-għan illi jiġi eżerċitat fuq is-soċjetà esponenti pressjoni mhux ġustifikata sabiex tħallasha ammont ta' flus illi ma huwiex fil-fatt minnha dovut;*

17. *B'hekk ukoll is-soċjetà esponenti tiġi soġġetta għal preġudizzju doppju in kwantu (u dan huwa meritu tal-appell fuq riferit) minn qabel ma kienet*

*notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq imsemmi, hija kienet diġà qiegħdet l-ammont in kwistjoni ġo escrow account fil-pussess u taħt il-kontroll ta' Escrow Agent fl-Ingilterra. Dana fil-fatt kien sar bħala garanzija sabiex b'hekk hija setgħet teħles mill-arrest tal-fuq imsemmi bastiment merkantili tagħha Aktea R, liema arrest kien tqiegħed mis-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd in kawtela ta' proċeduri arbitrali oħra separati u indipendenti illi l-istess soċjetà intimata Nero Shipmanagement Limited kienet fetħet ġewwa Londra kontra s-soċjetà esponenti. Tali escrow account kien soġġett biss, in termini ta' rilaxx tal-ammont hemm depożitat, kif fil-fatt eventwalment sar da parti tal-Escrow Agent skont kif kien tenut li jagħmel, għall-eżitu finali tal-proċeduri arbitrali – liema proċeduri fil-fatt ġew deċiżi a favur tas-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd. Issa in vista tal-escrow account, u wara illi s-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd debitament tħallset mill-Escrow Agent tramite l-escrow account (li kien tqiegħed sabiex jiżgura tali ħlas f'każ ta' eżitu favorevoli fil-proċeduri arbitrali), ma jistax jingħad (salv għall-ammont in eċċess ta' dak iddepożitat fl-escrow account illi s-soċjetà esponenti fil-fatt iddepożitat mar-Reġistratur) illi l-istess soċjetà esponenti fil-fatt qatt kellha flus f'idejha proprjetà tas-soċjetà debitriċi Nero Shipmanagement Ltd. Dawk il-flus ġew immedjatament mgħoddija mill-pussess tal-Escrow Agent għall-pussess tas-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd u ma kienu qatt (tul il-perijodu kollu rilevanti tal-Mandat ta' Sekwestru konċernat) fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tas-soċjetà esponenti. Kienet allura s-soċjetà Nero Shipmanagement Ltd illi naqset milli tħallas id-dejn tagħha versu s-soċjetà rikorrenti, u għaldaqstant is-soċjetà esponenti tiġi serjament ippreġudikata jekk kemm-il darba kellha tiġi sostitwita minflok is-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Ltd bħala d-debitriċi tas-soċjetà rikorrenti;*

18. *Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq premess, il-liġi proċedurali tistipula b'mod l-aktar ċar fl-Artikolu 855(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi ma jistax jinħareġ mandat ieħor kontra biċċa tal-baħar jekk mhux mandat ta' arrest skont il-provvedimenti tal-istess Kodiċi illi jirregolaw il-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar; u l-ewwel u qabel xejn il-kreditur irid juri illi għandu talba marittima illi tagħti lok għall-ġurisdizzjoni in rem kontra l-vapur jew bastiment in kwistjoni skont tali talbiet marittimi huma kollha elenkati fl-Artikolu 742B tal-istess Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

19. *Dana kollu jirrifletti l-pożizzjoni taħt il-Konvenzjonijiet Internazzjonali li jirregolaw l-Arrest ta' Bastimenti Merkantili ('l hekk imsejħa Ship Arrest Conventions tal-1952 u tal-1999), anke jekk it-talbiet marittimi permessi taħt il-fuq riferit Artikolu 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma ferm aktar wiesa' minn dawk permessi skont il-Konvenzjonijiet li tagħhom Malta għadha ma hijiex firmatarja;*

20. *Illi sabiex wieħed ikun jista' jifhem dan aħjar, fil-kuntest proprju marittimu tiegħu, trid ta' bilfors issir riferenza għall-Artikolu 37A tal-Att Dwar il-Bastimenti Merkantili (Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta' Malta), li jipprovdi illi bastimenti u bċejjeċ oħra tal-baħar jikkostitwixxu klassi partikolari ta' mobbli li bihom jiffurmaw assi separati u distinti fil-proprjetà tas-sidien tagħhom għall-garanzija tal-azzjonijiet u krediti li għalihom ikun soġġett il-bastiment. F'każ ta' falliment ta' sid ta' bastiment, l-azzjonijiet u l-krediti kollha, li għalihom ikun suġġett il-bastiment, għandhom, fuq l-istess bastiment, preferenza fuq id-djun l-oħra kollha;*

21. *Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar il-fatt illi l-Mandat ta' Inibizzjoni in diskussjoni, almenu in kwantu jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u r-raba' talbiet, huwa indirizzat lejn u jaffettwa direttament il-fuq imsemmi bastiment merkantili Aktea R proprjetà tas-soċjetà esponenti; u in vista ta' dak illi jinsab ċarament ipprovdut fil-fuq imsemmi Artikolu 855(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tali Mandat ma jistax jinħareġ validament skont il-liġi għaliex ikun jikser id-divjet espress provdut fl-istess Artikolu;*

22. *Illi sabiex dana l-argument ikun jista' jiġi llustrat u enfasizzat aħjar, jiġi sottomess ukoll illi l-uniku rimedju kawtelatorju inibittiv illi l-leġislatur iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kreditur fir-rigward ta' bastimenti merkantili reġistrati fir-Reġistru tal-bastimenti Maltin (bħal ma fil-fatt huwa hekk reġistrat il-fuq imsemmi bastiment merkantili Aktea R proprjetà tas-soċjetà esponenti) huwa dak speċifikament provdut fl-Artikolu 37 tal-imsemmi Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Ai termini ta' dana l-Artikolu tal-liġi, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tista', jekk jidhrilha xieraq (u bla ħsara tal-eżerċizzju ta' xi setgħa oħra tal-Qorti), fuq talba b'rikors ġuramentat ta' xi persuna li tivvanta dritt fi jew dwar xi bastiment (skont kif tali dritt fi jew dwar xi bastiment' huwa eżawrjentement definit fil-paragrafu (10) tal-istess Artikolu 37), tagħmel ordni li jkun jipprojbixxi għal żmien speċifikat, li f'ebda każ ma għandu jkun ta' iktar*

*minn sena, kull negozju dwar xi bastiment jew sehem fih; u kull reġistratur, mingħajr ma jissejjaħ parti fil-proċedimenti għandu, meta jiġi notifikat b’ordni jew jingħata avviż tiegħu, jobdi dak l-ordni u jniżżel notament dwaru u d-data ta’ skadenza relattiva fir-reġistru tal-bastiment;*

23. *Illi huwa evidenti illi s-soċjetà rikorrenti ma għandha l-ebda pretensjoni valida li tressaq skont il-liġi, u ċioe l-ebda pretensjoni illi b’xi mod tista’ tiġi rikonoxxuta bħala talba marittima fil-konfront tal-bastiment Aktea R, proprjetà tas-soċjetà esponenti, liema pretensjoni tista’ tagħti lok għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Arrest ai termini tal-fuq imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew għall-ħruġ ta’ xi Ordni skont l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili fuq riferit; u għaldaqstant jidher ċar illi l-istess soċjetà rikorrenti qiegħda tirrikorri abbużivament għall-Mandat ta’ Inibizzjoni fil-konfront tal-bastiment Aktea R mingħajr ma hemm l-ebda bażi għal dan skont il-iġi u dana għar-raġunijiet fuq mogħtija;*

24. *Għaldaqstant jirriżulta bl-aktar mod ċar illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda tfittex il-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni odjern għal kollox inutilment, almenu għal dak illi jikkonċerna l-bastiment merkantili Aktea R jew bastiment ieħor illi jista’ jkollha s-soċjetà esponenti, u dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tintuża biex tissana dak illi s-soċjetà rikorrenti evidentement ma hijiex intitolata għalih skont il-liġi.*

25. *Tant huwa manifestament abbużiv u vessatorju dan il-Mandat ta’ Inibizzjoni illi qiegħed jirrikorri għalih is-soċjetà rikorrenti, almenu dejjem għal dak illi jikkonċerna l-bastiment merkantili Aktea R jew bastiment ieħor illi jista' jkollha s-soċjetà esponenti, illi anke f’każ illi l-istess Mandat kellu b’xi mod jiġi milqugħ definittivament minn dina l-Onorabbli Qorti; u anke f’każ illi l-istess soċjetà rikorrenti kellha turi illi diġà għandha, jew għad tista’ tikseb, xi titolu eżekuttiv kontra s-soċjetà esponenti, jibqa’ l-fatt illi s-soċjetà rikorrenti ma tkun tista’ qatt ikollha l-mera speranza li tipproċedi sabiex tesegwixxi dana t-titolu eżekuttiv permezz ta’ xi Att Eżekuttiv fil-konfront tal-bastiment Aktea R (jew kwalsiasi bastiment merkantili ieħor illi l-istess soċjetà esponenti għad jista’ jkollha) skont il-liġi, u dana għar-raġunijiet kollha fuq mogħtija u illi ma hemmx għalfejn illi jiġu hawn ripetuti;*

26. *Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, u kif jiġi muri aħjar waqt it-trattazzjoni tar-Rikors, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, anzi u almenu dejjem għal dak illi jikkonċerna l-bastiment merkantili Aktea R jew bastiment ieħor illi jista' jkollha s-soċjetà esponenti huma inutili, frivoli u vessatorji, u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħda tfittex li żżomm u tinibixxi lis-soċjetà REMA Maritime Limited milli tbiegħ jew tittrasferixxi l-bastiment 'Aktea R', jew kull proprjetà oħra li jista' jkollha; milli tbiegħ jew tittrasferixxi l-ishma li għandha jew li jista' jkollha fl-istess bastiment; milli tbiegħ jew tittrasferixxi l-ishma fis-soċjetà REMA Maritime Limited; u milli tirreġistra kwalunkwe self fuq il-bastiment 'Aktea R', u dan in vista ta' titolu eżekuttiv li Seaboard Overseas Limited akkwistat fil-konfront tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, liema titolu eżekuttiv inkiseb bis-saħħa ta' *award* arbitrali fi proċeduri li saru fl-Ingilterra, u li ġie rreġistrat fiċ-

Ċentru Malti tal-Arbitraġġ fil-15 ta' Ġunju, 2015. Is-soċjetà REMA Maritime Limited kienet waħda mis-sekwestratarji li ġiet notifikata bil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li s-soċjetà rikorrenti intavolat fir-rigward ta' Nero Shipmanagement Limited sabiex teżegwixxi l-jeddijiet tagħha. Dan sabiex is-sekwestratarja REMA Maritime Limited tinżamm milli tgħaddi f'idejn is-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, id-debitriċi attwali tas-soċjetà rikorrenti u s-sekwestrata fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv[1], flus jew mobbli appartenenti lil Nero Shipmanagement Limited. Wara l-imsemmija notifika rriżulta li bejn REMA Maritime Limited u Nero Shipmanagement Limited kien hemm proċeduri arbitrali separati, li ġew konklużi madwar ħames xhur wara n-notifika tal-imsemmi mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u l-eżitu tagħhom kien li s-soċjetà Nero Shipmanagement Limited għandha titħallas somma flus mingħand is-soċjetà REMA Maritime Limited, li l-uniku assi li għandha huwa l-bastiment merkantili 'Aktea R'. Sussegwentement għan-notifika tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv intavolat mis-soċjetà rikorrenti, is-soċjetà REMA Maritime Limited ippreżentat fl-atti tal-istess mandat nota fir-Reġistru fejn iddikjarat li m'għandhiex fil-pussess tagħha flus jew mobbli appartenenti lis-soċjetà Nero Shipmanagement Limited.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu tal-21 ta' Jannar, 2016 fl-atti tal-imsemmi mandat ta' sekwestru eżekuttiv, is-soċjetà REMA Maritime Limited irreferiet għal deċiżjoni arbitrali li permezz tagħha hi ġiet ordnata tħallas is-somma ta' USD 459,896.99 lil Nero Shipmanagement Limited, minn liema ammont ġie ddepożitat l-ammont ta' USD 28,674.41 sabiex jiġu sodisfatti l-pretensjonijiet

[1] Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 1087/15.

tas-soċjetà Seaboard Overseas Limited, filwaqt li l-bilanċ irriżulta li kien miżmum minn *escrow agent* li ħallas dan l-ammont lill-*hull club* ta’ Nero Shipmanagement Limited, u dan wara li ġie stabbilit li bejn iż-żewġ soċjetajiet intimati REMA Maritime Limited u Nero Shipmanagement Limited kien hemm *escrow agreement* li kien ilu li ġie ffirmat mis-7 ta’ Ottubru, 2001.

Is-soċjetà rikorrenti ssostni li REMA Maritime Limited eludiet l-obbligi tagħha bħala sekwestratarja u dan minħabba li l-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv inkwistjoni kien ġie intavolat u akkordat fis-6 ta’ Lulju, 2015, ġie notifikat lil REMA Maritime Limited fl-10 ta' Lulju, 2015, filwaqt li l-*award* arbitrali li permezz tiegħu ġie stabbilit li l-konvenuta REMA Maritime Limited hi debitriċi ta’ Nero Shipmanagement Limited ingħata fit-13 ta’ Awwissu, 2015. Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li REMA Maritime Limited kellha tiddepożita l-ammont sekwestrat favur tagħha indipendentement mill-obbligi assunti minnha permezz tal-*escrow agreement.* Iżda minflok is-soċjetà konvenuta għażlet li tinjora l-ordni tal-Qorti u tiddikjara li fil-pussess tagħha m’għandha l-ebda flejjes jew effetti oħra tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, u dan meta kwalsiasi struzzjonijiet li setgħu ngħataw lill-*escrow agent* sabiex iħallas il-flejjes iddepożitati għandu lil Nero Shipmanagement Limited, ingħataw ferm wara li REMA Maritime Limited ġiet notifikata bil-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv intavolat mis-soċjetà rikorrenti.

Sussegwentement is-soċjetà rikorrenti nediet proċeduri legali *ai termini* tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fejn talbet lill-Qorti tordna lis-soċjetà REMA Maritime Limited bħala sekwestratarja fil-mandat ta’ sekwestru

eżekuttiv numru 1087/15 sabiex din tiddepożita d-differenza bejn is-somma mitluba bis-saħħa tal-mandat ta' sekwestru intavolat mir-rikorrenti, u s-somma ddepożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar, 2016, essenzjalment somma ekwivalenti għal dik miżmuma u mħallsa mill-*escrow agent.* Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2018, ikkonkludiet illi:

> "M'għandu jkun hemm l-ebda dubbju li fil-mument li Nero ġie kanonizzat kreditur kontra Rema, b'effett tal-ewwel lodo arbitrali mogħti fit-13 t'Awwissu, 2014, Rema kienet fil-pussess ta' flejjes dovuti lil Nero",

u ddeċidiet illi s-soċjetà konvenuta REMA Maritime Limited bħala sekwestratarja fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1087/15 għandha tiġi ordnata tiddepożita s-somma ta' mija u sebgħa u tmenin elf, tliet mija u disgħa u disgħin Euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€187,399.55), liema ammont jirrappreżenta d-differenza bejn is-somma milquta bil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, u s-somma ddepożitata biċ-ċedola tal-21 ta' Jannar, 2016, flimkien mal-imgħax dekorribbli mit-13 t'Awwissu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv, u dan favur is-soċjetà rikorrenti. Minn din id-deċiżjoni ġie intavolat appell li għad irid jiġi deċiż.

Is-soċjetà rikorrenti tippretendi li dan il-Mandat għandu jintlaqa' in vista tal-fatt li s-soċjetà REMA Maritime Limited m'għandhiex assi oħra għajr għall-bastiment 'Aktea R', u għalhekk jekk jinbiegħ dan il-bastiment jiġi eluż għal kollox il-kreditu li Seaboard Overseas Limited tista' tesegwixxi fil-konfront taż-żewġ soċjetajiet intimati.

Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata REMA Maritime Limited eċċepiet li hija mhijiex debitriċi ta' Seaboard Overseas Limited, u li l-unika debitriċi tas-soċjetà rikorrenti hija s-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Limited. Ġie eċċepit ukoll li lanqas id-deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru, 2018 ta' din il-Qorti kif diversament preseduta ma kellha l-effett li kkanonizzat lis-soċjetà Seaboard Overseas Limited bħala kreditriċi ta' REMA Maritime Limited, u li l-unika konsegwenza ta' dik id-deċiżjoni kienet li s-soċjetà REMA Maritime Limited intalbet tiddepożita flejjes li jappartjenu lis-soċjetà rikorrenti bis-saħħa tal-effetti tal-imsemmi mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Ġie eċċepit ukoll li hija s-soċjetà konvenuta REMA Maritime Limited li qiegħda ssofri l-konsegwenzi minħabba l-inadempjenza assoluta tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, u li t-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat hija waħda frivola u vessatorja stante li REMA Maritime Limited f'dan l-istadju tista' tintalab biss tħallas danni u imgħaxijiet f'każ li jiġi stabbilit li REMA Maritime Limited kellha fil-pussess tagħha flejjes jew effetti mobbli u naqset milli tagħmel id-depożitu mitlub minnha. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li anki jekk il-mandat mitlub jintlaqa', kwalsiasi azzjoni fil-mertu li tista' ssegwi tkun intempestiva stante li f'dan l-istadju għad m'hemm l-ebda prova li REMA Maritime Limited kellha f'idejha flus jew assi tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited. REMA Maritime Limited eċċepiet ukoll li hi qatt ma kellha l-ħsieb li tisvesti ruħha mill-bastiment Aktea R. Ġie eċċepit ukoll li mandat ta' din ix-xorta ma jistax jintalab fir-rigward ta' bċejjeċ tal-baħar, u li l-uniku mandat li seta' jintalab fir-rigward ta' bastiment, huwa mandat ta' arrest tal-bastiment, imma tali mandat ma jistax jintalab fiċ-ċirkostanzi odjerni minħabba li ma jirriżultawx

sodisfatti l-elementi stipulati fil-liġi għall-ħruġ ta' mandat ta' dik ix-xorta. Is-soċjetà konvenuta REMA Maritime Limited ikkonkludiet li in vista tal-fatt li Seaboard Overseas Limited m'għandha l-ebda pretensjoni valida fil-konfront tal-imsemmi bastiment, is-soċjetà rikorrenti ma tistax tirrikorri għal proċeduri bħal dawk odjerni.

**Provi u riżultanzi**

Is-soċjetà rikorrenti Seaboard Overseas Limited esebiet kopja tad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-30 ta' Ottubru, 2018, fl-ismijiet **Avukat Stephen Muscat nomine *vs.* Imħallef Emeritus Dr P. Sciberras nomine et**[2], fejn ġie deċiż li s-soċjetà REMA Maritime Limited bħala sekwestratarja għandha tiddepożita s-somma ta' €187,399.55 taħt l-Awtorità tal-Qorti, u dan a tenur tal-artikolu 378 tal-Kap. 12, li jobbliga lis-sekwestratarju sabiex, taħt sanzjoni ta' responsabbilità għad-danni u l-ispejjeż, u saħansitra taħt sanzjoni ta' arrest personali, jiddepożita l-flus u l-ħwejjeġ li għandu f'idejh appartenenti lid-debitur sekwestrat. Ġiet esebita wkoll kopja tal-*Memorandum & Articles of Association* tas-soċjetà REMA Maritime Limited[3], liema soċjetà ġiet imwaqqfa *ai termini* tal-Kap. 234.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha esebiet kopja tar-rikors tal-appell mid-deċiżjoni tat-30 ta' Ottubru, 2018 mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema appell ġie ppreżentat fil-5 ta' Novembru, 2018, b'talba lill-Qorti tal-

[2] *A fol.* 9 tal-proċess.
[3] *A fol.* 45 tal-proċess.

Appell sabiex din tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti. Dan l-appell għad irid jiġi appuntat biex jinstema'.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Sabiex mandat bħal dak mitlub mis-soċjetà rikorrenti jiġi akkordat, jeħtieġ li jkun ibbażat fuq jedd, li r-rikorrent *prima facie* jkollu dan il-jedd, u li l-istess rikorrent jkun ser isofri preġudizzju irriparabbli jekk ma jiġix ikkawtelat bil-Mandat.

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[4]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta *si tratta* ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara *et***[5]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u

[4] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.
[5] P.A., 13.05.2014.

ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani, fosthom *inter alia* fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**.[6]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe *vs.* Stephanie Manfré**[7] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

[6] P.A., 28.01.2005.
[7] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[8];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[9]

[8] P.A., 25.01.2005.
[9] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr. John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[10]

**Ikkunsidrat:**

Dak li l-Qorti trid tistabbilixxi f'din il-proċedura huwa jekk mad-daqqa t'għajn jidhirx li s-soċjetà rikorrenti għandha l-jedd li żżomm lis-soċjetà intimata REMA Maritime Limited milli tbiegħ jew tittrasferixxi assi konsistenti fil-bastiment bl-isem 'Aktea R', l-ishma li jista' jkollha fl-istess bastiment, ishma fis-soċjetà nnifisha u milli tirreġistra *mortgages* fuq l-istess bastiment in vista tat-titolu eżekuttiv li r-rikorrenti akkwistat in segwitu għall-proċeduri arbitrali li kellha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Nero Shipmanagement Limited. Separatament minn dawn il-proċeduri, u lil hinn mir-relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Limited, kien hemm proċeduri arbitrali oħrajn bejn REMA Maritime Limited u Nero Shipmanagement Limited, liema proċeduri ġew konklużi wara li ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv inkwistjoni, fejn ġie stabbilit li Nero Shipmanagement Limited hi kreditriċi tas-soċjetà intimata REMA Maritime Limited u li għandha tirċievi flejjes mingħandha fis-somma ta' USD 459,896.99. Irriżulta wkoll li bejn is-soċjetà intimata REMA Maritime Limited u s-soċjetà intimata Nero Shipmanagement Limited kien hemm *escrow agreement* u li l-flejjes li fl-arbitraġġ ġie deċiż li għandhom jitħallsu minn REMA Maritime

[10] Ara **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

Limited lil Nero Shipmanagement Limited tħallsu mill-*escrow agent* lill-benefiċjarja Nero Shipmanagement minkejja l-effetti tal-imsemmi mandat ta’ sekwestru eżekuttiv li effettivament kellu jżomm lil REMA Maritime Limited milli tirrilaxxja mill-pussess tagħha flejjes appartenenti lil Nero Shipmanagement Limited.

Huwa in vista tal-fatt li ġie aċċertat li s-soċjetà rikorrenti Seaboard Overseas Limited hija kreditriċi tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, li Seaboard qiegħda tittenta twaqqaf lis-soċjetà REMA Maritime Limited milli tiżvesti ruħha minn dak li jidher li huwa l-ass ewlieni tagħha u ċjoè il-bastiment ‘Aktea R’, u dan minħabba li REMA Maritime Limited naqset milli tonora l-obbligu li tiddepożita flejjes appartenenti lil Nero Shipmanagement Limited kif kienet tenuta li tagħmel bħala sekwestratarja taħt il-mandat ta’ sekwestru eżekuttiv inkwistjoni. Is-soċjetà rikorrenti għamlitha ċara li l-intenzjoni wara il-Mandat mhijiex li xxekkel il-moviment tal-bastiment jew li b’xi mod twaqqfu milli jopera, iżda biss li tinibixxi lis-soċjetà intimata REMA Maritime Limited milli tbiegħ dan il-bastiment, in vista tal-fatt li r-rikorrenti hija kreditriċi ċerta u likwida ta’ Nero Shipmanagement Limited. Is-soċjetà rikorrenti għamlitha ċara li l-pretensjoni tagħha mhix waħda marittima, iżda biss azzjoni kontra s-soċjetà intimata REMA Maritime Limited li naqset milli tadempixxi ruħha mal-obbligi tagħha qua sekwestratarja.

Is-soċjetà intimata REMA Maritime Limited min-naħa tagħha tikkontendi li hija bl-ebda mod ma setgħet iżżomm lill-*escrow agent* milli jħallas il-flejjes iddepożitati għandu bħala garanzija lil Nero Shipmanagement Limited, għaliex

li kieku għamlet hekk kienet tesponi ruħha għal proċeduri quddiem il-Qrati fl-Ingilterra, u argumentat li l-effetti tal-mandat ta' sekwestru ma jestendux b'mod li jistgħu jesponu lis-sekwestratarju għal proċeduri quddiem qrati esteri. Is-soċjetà intimata REMA Maritime Limited tgħid ukoll li l-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti mhix pretensjoni marittima, u għalhekk il-bastiment inkwistjoni ma jistax jiġi arrestat *ai termini* tal-artikolu 37A tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kkonsidrat li m'hemm l-ebda dubju li s-soċjetà rikorrenti għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, bis-saħħa tar-reġistrazzjoni tal-*award* arbitrali fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ u li għalhekk din għandha jedd li tikkawtela l-pożizzjoni tagħha sabiex tassigura l-ħlas lilha tal-flejjes kollha li ġie aċċertat li huma dovuti lilha. Ġie kkonsidrat ukoll mad-daqqa t'għajn ġie stabbilit li s-soċjetà REMA Maritime Limited kienet debitriċi tas-soċjetà Nero Shipmanagement Limited, liema debitu jidher li ġie saldat bl-intervent tal-*escrow agent* li kellu fil-pussess tiegħu flejjes appartenenti lil REMA Maritime Limited bħala garanzija, u li tħallsu lill-benefiċjarja Nero Shipmanagement Limited. M'hemmx dubju li tali ħlas, anki jekk bl-intervent ta' *escrow agreement* ippreġudika l-pożizzjoni tas-soċjetà rikorrenti u kien għalhekk li din fittxet li tintavola rikors *ai termini* tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tordna lil REMA Maritime Limited tiddepożita l-bilanċ dovut lilha. Jidher li dan il-Mandat qiegħed jintalab in segwitu għad-digriet tal-Qorti li għandu jkun hemm dan id-depożitu, stante li s-soċjetà rikorrenti ħasset li jekk ma tikkawtelax il-pożizzjoni tagħha, hemm riskju li s-soċjetà konvenuta tisvesti ruħha mill-ass ewlieni fil-pussess tagħha, bir-riżultat

li din ma tkunx f’pożizzjoni li tonora l-obbligi imposti fuqha bid-deċiżjoni tat-30 ta’ Ottubru, 2018, f’każ li l-Qorti tal-Appell tkun tal-istess fehma u tordna li s-soċjetà REMA Maritime Limited għandha tagħmel id-depożitu tal-bilanċ tal-flus li għadhom dovuta lis-soċjetà rikorrenti. Il-Qorti hi sodisfatta li mad-daqqa t’għajn jidher li r-rikorrenti għandha tali jedd x’tikkawtela, u li jekk dan il-Mandat ma jintlaqax, bir-riskju li s-soċjetà intimata REMA Maritime Limited tkun libera li tittrasferixxi l-assi tagħha, ir-rikorrenti jista’ ma jkollha xejn fuq xiex teżegwixxi l-jedd vantat minnha.

F’dan ir-rigward ukoll il-Qorti kkonsidrat li l-Mandat odjern m’għandux l-effett ta’ arrest ta’ bastiment, anzi jekk il-Mandat jiġi akkordat, il-bastiment inkwistjoni jkun jista’ jibqa’ jbaħħar u jopera kif kien għadu qiegħed jagħmel sal-lum. Il-proċeduri odjerni huma mmirati biex jolqtu l-assi kollha tas-soċjetà REMA Maritime Limited, ewlieni fosthom il-bastiment ‘Aktea R’. Għalkemm il-fatt li l-ass ewlieni tas-soċjetà konvenuta huwa l-bastiment inkwistjoni, dan għandu jitqies li huwa inċidentali għal dawn il-proċeduri, li ma kinux intiżi biex jolqtu l-operat tal-bastiment inkwistjoni, iżda primarjament l-assi tas-soċjetà intimata. Fil-fatt il-Mandat li qed jintalab il-ħruġ tiegħu f’dawn il-proċeduri mhuwiex qiegħed jintalab fil-konfront tal-bastiment inkwistjoni, u għalhekk m’għandux jitqies li huwa mandat li l-ħruġ tiegħu jista’ jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 855(1) tal-Kap. 12, kif sostniet is-soċjetà intimata REMA Maritime Limited fir-risposta tagħha.

**F'dan ir-rigward il-Qorti mhijiex konvinta li l-jeddijiet tas-soċjetà rikorrenti jistgħu jiġu kkawtelati b'xi mod ieħor, u għaldaqstant qiegħda tilqa' b'mod definittiv it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni.**

**Tordna li dan il-provvediment jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Bastimenti u lir-Reġistratur tal-Kumpanniji.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata REMA Maritime Limited.**

Mogħti kameralment fil-5 ta' Diċembru, 2018.